**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu 2016

Talba Numru: 287/2014AM3

Numru fuq il-Lista: 1

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501 u b'digriet tal-04 ta' Frar, 2016 is-Socjeta' GO plc (C22334) assumiet l-atti minflok is-Socjeta' Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Mifsud Angelic (ID47569M)**
**17, Denci, Triq l-Imriekeb**
**Marsaskala**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fid-29 t' April, 2014 , li permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elfejn tmien mija u tnejn u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,852.46c) liema ammont

huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni u dovuta kwantu ghas-somma ta' elfejn u tmien ewro u disgha centezmi (€2,008.09c) in konnessjoni ma` 79878927 (AC40172185) u tmien mija tnejn u hamsin ewro u tmienja u tletin centezmu (€852.38c) in konnessjoni ma` 79878925 (AC 40171571) liema somma tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti

Ra li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta.

Ra r-risposta tal-konvenut.

Ra x-xhieda tar-rapprezentanti tas-Socjeta' attrici Simone Wightman u d-dokumenti minnha esebita.

Ra li s-Socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015 izda minkejja diversi differimenti l-konvenut baqa` ma ressaq ebda prova u lanqas deher ghas-seduti.

Re l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu, 2016 li permezz tieghu t-Tribunal ddikjara li l-provi tal-konvenut huma maghluqa u l-kawza tibqa ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Illi ghalhekk l-konvenut ma ppruvax l-eccezzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma t' elfejn tmien mija u tnejn u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,852.46c) bl-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Novembru, 2013 d-data tal-ittra ufficjali numru 2879/13 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**